# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 362/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Meriam Abdussalam Mouaddea**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Meriam Abdussalam Mouaddea**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 9000606(A), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-28 ta' Lulju 2014 għall-ħabta ta' bejn it-20:00hrs u 23:45hrs:

1. bil-ħsieb li tagħmel delitt ta' serq minn ġewwa residenza bin-numru 235 li tinsab Triq Manwel Dimech, Sliema uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u

indipendenti mill-volonta' tagħha u li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bil-lok għad-detriment ta' diversi persuni.

L-Ewwel Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputata bħala reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar it-13 ta' Lulju 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Settembru 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a), 281(b), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha bl-addebitu tar-reċidiva u kkundannatha tlettax (13)–il xahar priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-imputata sabiex sa żmien xahar minn meta tigi hekk mitluba bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti tħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' ħames mija u tmenin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€580.93) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-2 ta' Ottubru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull ħtija u pien*a".

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u da parte tiegħu l-konsulent legali tal-appellanti talab li din il-Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 2023 minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Hazel Mizzi** (Numru 219/2021/2).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tibda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji hekk kif imressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellanti hija tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal sabiex l-appellanti tiġi mixlija quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** (*a fol.* 11 *et seq.* u *a fol.* 124)) xehed li fit-28 ta' Lulju 2014 kienet marret ċerta Jemaa Smaini Galea tirraporta li wara li rritornat minn tieġ skopriet li xi ħadd ipprova jisgassa l-bieb ta' barra. Jgħid li l-*fingerprints* li nstabu kienu qablu ma' dawk tal-appellanti. Jgħid li ttieħed ritratt li ntwera lil Jemaa Smaini Galea fejn qalet li kienet taf min hi l-persuna u nfurmat lill-Pulizija li xi erbat ijiem wara l-appellanti kienet marret għandha. Hija eskludiet li l-*fingerprints* kienu qabel l-akkadut għaliex hi tnaddaf regolarment.

  L-iSpettur Fleri ppreżenta sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2010 (Dok. "KS 1" – *a fol.* 126 *et seq.*) fejn l-appellanti kienet ġiet ikkundannata sitt xhur priġunerija.

- Fl-i**stqarrija** tagħha (Dok. "FF 2" – *a fol.* 18 *et seq.*) l-appellanti ċaħdet li dakinnhar tat-tieġ kienet marret għand Jemaa

Smaini Galea u li hi kienet baqgħet id-dar. Kienet marret għand Smaini Galea ġimgħa qabel it-tieġ għaliex hi qagħdet tnaddfilha.

- **Jemaa Smaini Galea** (*a fol.* 26 *et seq.*) xehdet li l-appellanti daħlet għandha madwar tliet xhur qabel l-akkadut u li mbagħad kienet hi (Smaini Galea) li ċemplet lill-appellanti sabiex tmur tiġbor xi karti u dana kien madwar ġimagħtejn qabel l-akkadut. Tgħid li l-appellanti ma kinitx marret it-tieġ u li wara t-tieġ l-appellanti ma kinitx kellmitha aktar. Hija esprimiet ix-xewqa li taħfer lill-appellanti.

- **PS 430 Andrew St. John** (*a fol.* 47 *et seq.*) kien mar bir-ritratt għand Jemaa Smaini Galea li qalet li dik kienet ħabiba tagħha. Jgħid li wara s-serqa ma għamlet ebda kuntatt magħha. Jgħid ukoll li meta staqsa lil Jemaa Smaini Galea jekk l-appellanti kinitx taħslilha u tnaddfilha jew jekk kinitx qabditha xi affarijiet, jgħid li wieġbet fin-negattiv fis-sens li qatt ma kienet messitilha 'l hawn u 'l hemm.

- **WPS 215 Valerie Farrugia** (*a fol.* 53 *et seq.*) tgħid li kienet marret id-dar ta' Jemaa Smaini Galea wara li kien sar ir-rapport. Tgħid li rat li xi ħadd kien ipprova jisgassa l-bieb fejn hemm is-serratura u li filfatt kien hemm il-bieb imkisser minn dik in-naħa. Tgħid li xejn ma kien hemm nieqes.

- **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 75 *et seq.*) xehed li kien aċċeda fuq il-post fejn innota li l-bieb kellu sinjali ċari ta' elevar. Jgħid li kien hemm ħsara fl-injam imqaċċat u li kien hemm injama fuq l-għatba. Jgħid li nstabu wkoll xi marki ta' llevar magħmula minn għodda probabilment turnavit ċatt. Jgħid li kien eleva żewġ impronti li kienu impronta palmari parzjali żviluppata minn fuq il-bieb ta' barra u impronta oħra palmari parzjali żviluppata l-istess minn fuq il-bieb ta' barra. Eżebixxa r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala Dok. "PF 1" (*a fol.* 78 *et seq.*).

- L-espert **Joseph Mallia** (*a fol.* 83 *et seq.* u *a fol.* 98 *et seq.*) ħa l-*finger prints* u l-*palm prints* tal-appellanti u wara reġa' xehed li żewġ impronti li kienu eżebiti kienu jaqblu u għalhekk huma identiċi mal-marki tal-pala tal-id il-leminija tal-istess appellanti. Ir-relazzjoni tiegħu ġiet immarkata bħala Dok. "JM 1" (*a fol.* 100 *et seq.*).

- **PS 122 Arthur Borg** (*a fol.* 88 *et seq.*) ippreżenta relazzjoni (Dok. "AB 1" – *a fol.* 91 *et seq.*) bir-ritratti tal-bieb u tal-ħsarat li kien hemm fuqu n-naħa tas-serratura, f'liema ritratti jidher ukoll it-tifrik tal-injam mal-art.

- L-i**Spettur Mario Haber** (*a fol.* 135 *et seq.*) xehed li kien ressaq lill-appellanti hu stess fil-proċeduri li għalihom tirreferi s-sentenza mmarkata bħala Dok. "KS 1" (*a fol.* 126 *et seq.*). Jikkonferma li l-appellanti kienet l-istess persuna kontra min ingħatat din is-sentenza.

- Meta xehdet l-appellanti **Meriam Abdussalam Mouaddea** (*a fol.* 141 *et seq.*) hija qalet li kien hemm ħbiberija bejnha u Jemaa Smaini Galea. Tgħid li kienet tmur għand Smaini Galea u kienet tagħmlilha xagħrha u xi affarijiet oħra. Tgħid li l-ħbiberija damet madwar erba' snin u li kienet tmur għandha regolarment. Tgħid li qatt ma ħadet xejn mid-dar ta' Smaini Galea. Fil-<u>kontro-eżami</u> qalet li kienet sejra magħhom it-tieġ pero' r-raġel tagħha ma kienx ħallieha tmur magħhom. Tgħid li kienet marret għand Jemaa Smaini Galea jumejn qabel l-akkadut. Hija ċaħdet li kienet marret id-dar ta' Smaini Galea dakinnhar tat-tieġ filgħaxija u tgħid li kienet marret għandha wara ġimgħa.

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellanti huwa maqsum fi tnejn: fuq punti ta' liġi u dwar il-provi. Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tgħid li hemm differenza bejn tentattiv ta' serq u atti preparatorji ta' serq u li l-unika prova li hemm li torbot lill-appellanti mal-bieb huwa impronti fuq il-bieb. Tisħaq li skont Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jrid ikun hemm mezzi idonei biex isir it-tentattiv u li waqt li l-Prosekuzzjoni sabet xi sinjali fuq il-bieb, bl-ebda mod ma ġie stabbilit illi dak li ġara seta' jwassal għall-effett li qed tgħid il-Prosekuzzjoni. Tgħid li mhux minnu li l-bieb kien sgassat għax sgassat ifisser miftuħ. Tisħaq li l-Prosekuzzjoni rriferiet għal xi marki u probabli b'turnavit u b'biċċa injama fuq l-għatba u li dawn ma jwasslux għall-konklużjoni li kienu qed jintużaw mezzi idonei iżda biss għall-atti preparattivi u mhux għall-bidu ta' konsumazzjoni tar-reat. Tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-6 ta' Mejju 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil** u tisħaq li fiha ngħad li t-tentattiv jista' jkun eskluż minħabba l-idoneita' tal-mezz użat. Tirreferi għall-istess sentenza fuq il-kwistjoni tal-kalkolu tal-valur u li l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova ta' dak li kienet bih ħdejn id-dar biex tkun tista' ġġorr minn dik id-dar. Tgħid li ma kienx prova li kien hemm xi vettura u li allura ma hemmx prova għall-kwistjoni tal-valur. Tagħmel riferenza wkoll għal sentenza li ġiet mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Godfrey Ciangura** u tgħid li f'din is-sentenza jingħad li jrid ikun hemm bidu tal-eżekuzzjoni. Tisħaq li f'dan il-każ lanqas biss kien hemm perikolu li l-bieb ikun sgassat, aħseb u ara kemm setgħet persuna tidħol ġewwa

Illi din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imsemmi hawn fuq billi tagħmel riferenza għal dak li kiteb il-Professur Sir Anthony Mamo dwar it-tentattiv fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law) fejn ingħad hekk (*a fol.* 112 *et seq.*):

> "Luigi Masucci, after passing in review the principal theories propounded on the subject of the distinction between preparation and execution, sums up as follows:- So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be

> regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of execution of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission for the crime. If the act forms an integral part of this series of acts, which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.[1]"

Aktar tard fl-istess Noti tiegħu hawn fuq imsemmija, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk (*a fol.* 117):

> "[...I]n order that there may be an attempt there must be a possibility of a successful issue (CFR, Law Reports, Vol. XX, P. IV, p. 25, Vol. XXII P. IV, p.). But as was stressed in *Rex v. Cassar* (C.C. 18-XI-41) in order to exclude the attempt the impossibility of successful issue must be absolute."

Illi l-appellanti rriferiet għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Godfrey Ciangura** (Numru 42/2002 u 43/2002). Ta' min jinnota li din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar it-teorija tat-tentattiv fis-sentenza msemmija:

---

[1] Cfr. Chauveau et Helie (it. Transl.), Vol. I. P. I, Cap. XI, Appendix. The distinction between preparatory acts and acts of execution was emphasised in the Italian Code of 1930 which defines an attempt as consisting in the commission of *"atti idonei diretti in modo non equivoco a committere un delitto, se l'azione non si compie o l'evento non si verifica"*.

"[...Ħ]afna huma wkoll dawk it-teoriji li ġew proposti biex jgħinu lill-ġudikant jasal biex jiġbed il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti eżekuttivi. Biżżejjed wieħed jagħmel referenza għall-espożizzjoni qasira ta' xi wħud minn dawn it-teoriji li jagħti l-ġurista Luigi Maino fl-opra tiegħu ***Commento al Codice Penale Italiano*** U.T.E.T. (Torino), 1924, Vol. 1, para 293; hekk ukoll Francesco Antolisei fl-opra ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** Giuffre` (Milano), 1989, paġni 420-422. Fil-fatt, pero', il-qrati tagħna, għalkemm spiss għamlu referenza għal xi wħud minn dawn it-teoriji, qatt ma intrabtu ma' xi teorija waħda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tgħid li għandha d-difetti tagħha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti eżekuttivi wieħed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analiżi tal-fatti li jkunu rriżultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tiegħu ikun qed jiġi allegat li kien hemm it-tentattiv, milli billi jintrabat ma' xi teorija partkolari. Din il-linja ta' prattiċita' ġiet proposta, fost oħrajn, mill-ġurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:

> **"Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l'insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecutivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, *e` messa in opera* secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio dell'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e` "propria" di ciascun delitto della relativa fattispecie e, quindi, cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'"inizio" e pone in essere l'atto esecutivo.""**

Illi minn naħa l-oħra fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju 1984 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Patrick Ciantar et** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Infatti, fl-isfond tal-kunċetti tradizzjonali in materja ta' tentattiv ta' reat addottati mill-Qrati tagħna u ċ-ċirkostanza ta' serq ta' karozza (sebbene għall-użu biss) hu inkonċepibbli li l-att fid-daħħil ta' ċavetta fis-serratura tal-bieba tista' b'xi mod tiġi kkunsidrata bħala att ta' preparazzjoni u mhux bħala att ta' konsumazzjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma tħossx li għandha tgħid ħafna għaliex iċ-ċirkostanzi jitkellmu waħedhom."

Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gregorio Attard** li ngħatat fl-14 ta' Frar 1962, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa magħruf illi l-idoneita' tal-mezzi adoperati biex jiġi kommess serq tista' tkun assoluta u tista' tkun relattiva u illi l-idoneita' assoluta biss timpedixxi ġuridikament it-tentattiv tas-serq; u l-inidoneita' tibqa' relattiva, u ma ssirx assoluta, anki jekk il-mezzi wżati ma kienux kapaċi li jikkonduċu għall-kommissjoni tad-delitt, kwante volte, pero' ma kienux hekk kapaċi minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, u kemm-il darba dik il-konsumazzjoni, fin-nuqqas ta' dawk iċ-ċirkostanzi, jew fil-konkors ta' ċirkostanzi oħra, setgħet ġrat.
>
> Għaldaqstant avvolja t-*"travellers' cheques"* jissarrfu billi l-*"payee"* jiffirma ċ-*"cheques"* quddiem il-*"paying aġent"*, u dan jista' jeżiġi mezz ta' identifikazjoni tal-*"payee"*, min isib *"travellers' cheques"* u jmur isarrafhom, avvolja juża mezzi li minħabba ċ-ċirkostanzi ma kienux idonei biex isir it-tisrif ta' dawk iċ-*"cheques"*, huwa ħati ta' tentattiv ta' serq jekk f'ċirkostanzi oħra dak it-tisrif seta' jsir."

Illi l-fatti tal-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza jduru fuq is-sejbien ta' impronti diġitali fuq il-bieb tad-dar ta' Jemaa Smaini Galea proprju ħdejn is-serratura. Ma hemmx dubju dwar ir-riżultat tal-eżami komparattiv imħejji mill-espert li l-impronti diġitali huma tal-appellanti. Ma jistax ikun li dawn l-impronti diġitali baqgħu hemm mill-aħħar darba li l-appellanti marret

għand Jemaa Smaini Galea. Dwar dan din il-Qorti tinnota li filwaqt li l-appellanti xehdet li kienet marret għand Smaini Galea madwar jumejn qabel l-akkadut (*a fol.* 144), da parte tagħha Smaini Galea qalet li l-appellanti marret għandha madwar ġimgħatejn qabel l-akkadut (*a fol.* 29 *et seq.*). Ma jridx jintnesa lanqas li ġie eskluż li l-*fingerprints* kienu hemm qabel l-akkadut għaliex jirriżulta li kien isir tindif regolarment. Din il-Qorti tinnota li ma għandhiex għalfejn tiddubita mill-verżjoni mogħtija minn Jemaa Smaini Galea tant li fl-aħħar tad-depożizzjoni tagħha qalet li xtaqet taħfer lill-appellanti.

Illi l-appellanti tgħid li *se mai* l-atti kienu atti preparattivi għaliex il-mezzi ma kienux idonei. Hija għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil et**. Għandu jingħad li f'din is-sentenza appena msemmija kien hemm involut imputazzjoni ta' tentattiv ta' esportazzjoni ta' 82 xkora kafe' u 15-il gallun *diesel*. Din il-Qorti tinnota li biex iġġorr tali merkanzija bilfors irid ikollok xi forma ta' trasport adegwat (f'dan il-każ skuna) b'dan illi jiġi nnutat ukoll li biex tisraq minn ġo dar mhux bilfors ikollok xi forma ta' trasport tant li minn dar jistgħu jinsterqu flus u ġojjellerija li faċilment jistgħu jinġarru f'baskett jew *handbag* u għalhekk il-każ ta' tentattiv ta' esportazzjoni msemmi mill-appellanti m'huwiex ta' rilevanza mas-sitwazzjoni ta' tentattiv ta' serq minn ġo dar. Dak li huwa ta' rilevanza fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil et** għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa meta fis-sentenza msemmija ngħad hekk:

> "Il-prova indizjarja ta' spiss hija l-aħjar prova; talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika."

Illi hija applikabbli żgur is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gregorio Attard** imsemmija aktar 'il fuq fejn il-Qorti għamlitha ċara li l-idoneita' assoluta biss tista' telimina r-reat tat-tentattiv. Din il-Qorti ma tara ebda idoneita' assoluta f'dan il-każ.

Illi dwar jekk hux att preparattiv jew att ta' eżekuzzjoni, din il-Qorti tinnota li dak li kiteb il-Professur Sir Anthony Mamo u dak

li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Patrick Ciantar et** (li saru riferenza għalihom aktar 'il fuq) huma ta' għajnuna kbira għas-soluzzjoni ta' din il-problema. Skont il-Professur Mamo wieħed irid jara jekk l-att huwiex parti minn serje li jwasslu għat-twettiq tar-reat u dwar dan din il-Qorti tinnota li dak li sar fuq il-bieb għandu jitqies bħala l-ewwel pass qabel wieħed jidħol biex jisraq minn ġo dar sakemm ma jkunx hemm xi aċċess aktar komdu. Imbagħad is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Patrick Ciantar et** li hija applikabbli għal dan il-każ odjern, il-Qorti għamlitha ċar li l-fatt li wieħed idaħħal ċavetta f'bieba ta' vettura huwa att ta' eżekuzzjoni u mhux preparattiv. Fil-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza hemm evidenza ċara ta' sforz biex il-bieb jinfetaħ minn naħa ta' fejn hemm is-serratura.

Illi dwar is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Godfrey Ciangura** li l-appellanti għamlet riferenza għaliha, din il-Qorti tinnota li dan il-każ għażel triq prattika ħafna li flok ħafna teoriji konfliġġenti li mhux dejjem jgħinu għas-soluzzjoni tal-problema ħalla ħafna f'idejn l-esperjenza tal-Ġudikant li jqis kull każ għalih. Tassew li fil-każ ċċitat il-Qorti tal-Appell ma sabitx li kien hemm att ta' eżekuzzjoni imma l-fatti kienu ferm differenti. Meta sar l-arrest l-imputat ma kienx ħdejn ix-xatt bid-dgħajsa fil-baħar lesta biex ittella' lin-nies ħa jaħarbu. L-arrest mill-Pulizija seħħ meta kien għadu qed iġorr id-dgħajsa fit-triq. Li wieħed iġorr dgħajsa fit-triq kien ġustament meqjus bħala att preparattiv u mhux att ta' eżekuzzjoni.

Illi l-fatti tal-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza huma differenti għal kollox minn dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti għaliex hawn teżisti sitwazzjoni fejn instabu impronti diġitali li kienu elevati mill-Pulizija kif ukoll ħsara fuq il-bieb ta' barra. Għalhekk is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Godfrey Ciangura** ma ssibx applikazzjoni għall-fatti odjerni. B'hekk l-aggravju fuq punti ta' liġi qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti huwa dwar il-provi dwar l-appellanti. L-appellanti tisħaq li dawn huma *palm prints* fuq il-bieb ta' barra waqt li fuq ġewwa ma kien hemm xejn. Hija ma ċaħditx li ġieli marret għand Jemma Smaini Galea u tgħid li persuna tmiss il-bieb ta' xi ħadd ma jfissirx li għamlet tentattiv ta' serq. Tistaqsi xi prova hemm dwar il-ħsara fuq il-bieb u tisħaq li l-provi jridu jwasslu għaċ-ċertezza u mhux għall-ispekulazzjoni. Tgħid li hija stess kienet marret għand Jemma Smaini Galea iżda tiċħad li dakinnhar tat-tieġ resqet lejn id-dar tagħha.

Illi din il-Qorti tinnota li l-ebda Qorti ma tista' tiskarti provi ċirkostanzjali bħal f'dan il-każ. Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju ssir riferenza għall-ġurisprudenza fir-rigward ta' provi ċirkostanzjali u fir-rigward ta' impronti diġitali. Fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** (Numru 275/2013) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "F'kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti** fit-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) li kien jittratta kważi l-istess meritu, l-argumenti tal-ewwel Qorti ukoll ibbażati fuq provi ċirkostanzjali u fejn ippretendiet ukoll iċ-ċertezza. Il-Qorti tal-Appell qalet: *"Jingħad mill-bidunett li imkien fil-liġi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun ċerta mingħajr ombra ta' dubbju dwar ħtija o meno tal-akkużat. Iċ-ċertezza tinsab fir-ren divin u fl-akkużat illi jaf ċert x'ġara u ma ġarax. Għall-fini tal-ġustizzja umana huwa biżżejjed illi dik il-prova tilħaq livell ta' mingħajr dubbju dettat mir-raġuni u ċioé livell ogħla mill-probabbli illi huwa biżżejjed biex jissodisfa xi teżi jew oħra tad-difiża."* Huwa veru illi dan il-każ hu prinċipalment ibbażat fuq provi ċirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wieħed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw għall-konklużjoni waħda u waħda biss."

Illi fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Zahra** (Numru 449/2021), din il-Qorti diversament preseduta saħqet hekk:

> "Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg**, fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, ċioè mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reati u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li huma l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu."

Illi fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** ġie deċiż li:

> "f'dak il-każ il-prova tal-*fingerprints* kien jinħtieġilha korroborazzjoni minn provi ċirkostanzjali oħra. Pero' hemm każijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* waħedha tkun

biżżejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-ħtija tal-akkuża".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-każ **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) ġie deċiż li:

"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** (Numru 11/1998) deċiża fis-7 ta' Marzu 2002, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Il-liġi tagħna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li għandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert ieħor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija għal biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Iżda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-*"point of comparison."*

BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (paġna 2311-2312) jgħid testwalment hekk:-

"Fingerprint evidence should be presented by a qualified expert, with at least five years' experience in the examination and comparison of such evidence. Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification [...]. In a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (*Chappell v DPP* (1988) 89 Cr App R 82). Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the crime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal

requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561, in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said:

"Finger print evidence, like any other evidence, is admissible ... if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value.....".

He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ... and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."

Illi l-ARCHBOLD "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (paġna 1348 ) jgħid:-

"A person may be identified by fingerprints alone: R. v Castleton, 3 Cr. App. R 74 CCA". The National Fingerprint Standards were laid down in 1953. These require a match of 16 ridge characteristics on any one digit or, where prints are uplifted from two digits, not less than ten matches for each digit. However, the

current consensus of experts is that these standards are too exacting"

u imbagħad jiċċita il-prinċipji enunċjati fil-kaz ta' *R v. Buckley* fuq ċitat fil-Blackstone's."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** (Numru 173/2003) deċiża fit-30 ta' Diċembru 2004, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"L-impronti diġitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* - li kif qal Lord Salmon fil-każ ***DPP v. Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvinċix lill-Ġudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkużata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw għall-anqas għal tentattiv ta' dak ir-reat."

Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti qalet hekk ukoll:

"Waħedhom dawn l-impronti kienu tali li setgħu, legalment u raġjonevolment, inisslu fil-Ġudikant il-konvinċiment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-ħsieb li jinġarru flimkien ma' l-oġġetti l-oħra li kienu effettivament inġarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bażi ta' probabbilita', ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiċċaw fuq l-oġġetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq oħra għajr li ssib lill-appellant ħati skond l-ewwel imputazzjoni."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** (Numru 309/2011) mogħtija fit-22 ta' Novembru 2012 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "19. F'dan il-każ l-impronta li qablet mas-saba' ż-żgħir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-uffiċċju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-Bank fejn, minn eżami tar-ritratti meħudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirriżulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-ħġieġa biex setgħet tinfetaħ u tiġi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-ħalliel jew ħallelin setgħu jaqtgħu l-ħadid li kien hemm fuq in-naħa ta' ġewwa.
>
> 20. [...] Dak li hu pależi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni raġjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija tħalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-uffiċċju tal-Mid-Med Bank fl-Universita' Tal-Qroqq."

Illi fir-rigward tal-każ li dwarha qed tingħata din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li ma hemm ebda raġuni valida li tista' tiġġustifika l-eżistenza tal-impronti diġitali tal-appellanti f'parti kruċjali tal-bieb ta' barra ta' Smaini Galea meta jiġi kkunsidrat li l-appellanti kienet ilha ma tersaq lejn id-dar tagħha. Apparti minn dan irid jittieħed in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad fil-ġurisprudenza kkwotata hawn fuq inkluż il-fatt li fuq il-bieb ta' barra ta' Smaini Galea nstabu l-impronti tal-appellanti u jrid jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li kumbinazzjoni dakinhar tal-akkadut l-appellanti ma marritx it-tieġ li kienet mistiedna għalih hi wkoll meta kienet taf li Smaini Galea kienet ser tkun preżenti għalih! Ta' min isemmi wkoll li wara t-tentattiv l-appellanti ma resqitx għand Smaini Galea. Din il-Qorti tinnota li dawn huma kollha provi ċirkostanzjali li jippuntaw lejn direzzjoni waħda.

Illi f'dan l-istadju għandu jingħad li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Hazel Mizzi** (Numru 219/2021/2) li din il-Qorti ġiet mistiedna tieħu konjizzjoni tagħha mill-appellanti fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023 ma ssibx applikazzjoni għal dan il-każ u dana minħabba li dak imsemmi fis-sentenza msemmija ma għandux rilevanza għall-fatti tal-każ odjern.

Illi minn dan kollu jsegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi l-impronti diġitali tal-imputata nstabu fuq il-bieb ta' dar ta' Galea, ħdejn is-serratura għaliex hija kienet il-persuna li għamlet l-isgass u l-attentat ta' serq. Kif ben tajjeb irrelevat il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazjoni finali l-post fejn instabu dawn l-impronti jintmiss bi frekwenza u għalhekk ma jistax ikun li l-impronti diġitali tal-imputata baqgħu hemm minn ġimgħatejn qabel, u ċioé mill-aħħar darba li l-imputata marret għand Galea. Inoltre meta wieħed jikkunsidra li l-bieb jiġi mnaddaf regolarment u li huwa espost għall-elementi wieħed aktar u aktar jasal sabiex jikkonkludi li ma hemmx dubju li l-impronti diġitali li nstabu fit-28 ta' Lulju 2014 fuq il-bieb tar-residenza f'Manwel Dimech Street, tas-Sliema tħallew hemm proprju dik il-gurnata stess meta l-imputata, sgassat il-bieb tad-dar ta' Galea sabiex tisraq l-istess dar, iżda ma rnexxilhiex tidħol minħabba xi ħaġa ndipendenti mill-volonta' tagħha."

Illi b'hekk it-tieni aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Meriam Abdussalam Mouaddea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**